# Ħsieb għax-xahar ta' Jannar

## MARIJA OMM ALLA



Marija hija l-Omm ta' Ġesù Kristu mill-aspett naturali, għaliex Kristu ħa n-natura umana permezz ta' Marija. Kristu huwa Alla. Mela, Marija hija Omm Alla. Marija giet magħżula biex tippreżentalna lil Ġesù Kristu bħala l-Mibgħawt ta' Alla l-Missier. Il-missjoni ta' Marija kienet li tieħu ħsieb lill persuna ta' Ġesù b'mod naturali biex isseħħ ir-rieda tal-Missier. Dan kien is-sehem ta' Marija fil-pjan tas-salvazzjoni. Kristu gie fid-dinja biex isalva lill-bniedmin u jifdi l-univers. Mela Kristu Hu r-Redentur u Marija OmmU, hija l-Ko-Redentriċi Tiegħu, għaliex hija kkoperat fil-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla. Dan ifisser li Marija hija wkoll medjatriċi bejn il-bniedem u Binha Ġesù Kristu, waqt li Kristu huwa l-uniku medjatur bejn Alla l-Missier u l-bniedem. Marija ingħatat t-titlu ta' Omm il-bnedmin għaliex Kristu minn fuq is-salib ippreżentaha lil Gwanni, li dak il-mument kien qed jirrapreżenta lill bniedmin, l-umanita.

Inti lil Marija tħossha u fir-realta' hija Ommok ukoll?

***Fr John Vella ofm cap***

## Pellegrini tat-Tama

Lejliet il-Milied ingħata bidu għas-Sena tal-Ġublew tat-Tama. Mal-35 miljun pellegrini huma mistennija jżuru Ruma, iċ-ċentru tal-Kristjanita'. Aktar importanti minn numru, imma, hi it-tifsira ta' din is-sena tal-Ġublew. F'dinja fejn il-gwerer, it-tbatija li jġibu, l-eluf ta' refuġjati kbar u tfal huma kliem li nisimgħu kuljum fuq il-mezzi tax-xandir, it-tema ta' dan il-Ġublew hi ta' importanza kruċjali. Jista' in-nisrani ikollu tama meta madwaru kollox jimxi bil-kontra? Hija propju din il-qalba tal-Ġublew, żmien li fih il-Knisja Universali iġġedded l-impenn tagħha biex tkun qawwa li tagħti il-ħajja lil din id-dinja tagħna, tant imkissra bil-mibegħda. Il-kelma 'ġublew' ġejja mill-kelma Ebrajka 'jobel', il-qarn li kien jindaqq biex iħabbar sena li fiha il-bdiewa kienu iħallu l-għelieqi jistriehu biex l-art tirkupra saħħitha. Fis-sena 2025 jaħbat l-1,700 sena minn meta ltaqa' l-ewwel Kunsill Ekumeniku; din is-sena ukoll l-Insara kollha, anki tal-knejjes ta' Lvant, inzertaw se jiċċelebraw l-Għid Imqaddes fl-istess jum. Fit-tħabbira tal-Ġublew Papa Francesco kiteb: "Dan il-Ġublew li ġej se jkun Sena Qaddisa immarkata b'tama li ma tistax tintefa, it-Tama tagħna f'Alla."

# Regia ta' Malta Bullettin Leġjunarju

Frar 2025

## Prattika Spiritwali

### Membri Ġodda

Jiġu basta:

1. Nitolbu fit-Tqarbin Imqaddes, fir-Rużarju, fil-Viżti lil Ġesù Ewkaristija.
2. Tgħakkis tal-għajnejn.
3. Għoti ta' karità b'għajnuna ta' kull xorta lil min hufil-bżonn.

**Aktar ma tkunu ġenerużi aktar jiġu, 'Ippruvaw u taraw'!**

***Mons Ruzar Borg***



### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Frar

**Għall-Vokazzjonijiet għas-Saċerdozju u għall-Ħajja Reliġjuża**

Nitolbu biex il-komunità ekkleżjali tilqa' x-xewqat u d-dubji ta' dawk iż-żgħażagħ li jħossuhom imsejħin jaqdu l-missjoni ta' Kristu fis-Saċerdozju u fil-Ħajja Reliġjuża.

***L-imħabba ma tikkonsistix f'li tħoss, imma li tinqata' minn kollox u tbati għall-Maħbub***

**Laqgħa ta' tagħlim is-Sibt 22 ta' Frar fil 5 p.m. Dar tal-Leġjun**